Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,056, 19 ta' Mejju, 2023
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XVI tal-2023

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni.

ACT No. XVI of 2023

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend various laws relating to Building and Construction.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **FRANK BEZZINA**
Aġent President

19 ta' Mejju, 2023

ATT Nru XVI tal-2023

ATT sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2023 li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għall-industrija tal-kostruzzjoni u l-ippjanar tal-iżvilupp jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

TAQSIMA I
Emenda għall-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija

Emenda għall-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Kap. 10.

2. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

Tħassir tal-artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi.

3. L-artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi għandhom jiġu mħassra.

TAQSIMA II
Emendi għall-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp

Emendi għall-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Kap. 552.

4. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

5. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, it-tifsira "avviż ta’ bidu" għandha tiġi sostitwita b’din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "avviż ta’ bidu" tfisser avviż sottomess mill-perit f’isem l-applikant lill-Awtorità mill-inqas ħamest (5) ijiem qabel id-data tal-bidu ta’ xogħlijiet jew tal-utilizzazzjoni ta’ permess, sabiex jinnotifika lill-Awtorità bid-data tal-bidu tax-xogħlijiet jew tal-utilizzazzjoni ta’ permess.".

TAQSIMA III
Emendi għall-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni

Emendi għall-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni. Kap. 623.

6. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali.".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

7. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "data operattiva" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "deċiżjoni" tinkludi ordni, ruling jew deċiżjoni oħra irrispettivament minn kif tkun imsejħa;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "kostruzzjoni" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kunsill" tfisser il-Kunsill Konsultattiv dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni mwaqqaf bl-artikolu 49;".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

8. Is-subartikolu (2) tal-arikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafi (a) u (b) tiegħu, il-kelma "tirnexxi", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "tissuċċiedi";

(b) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit b’dan il-

paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) li twettaq u tissuċċiedi fil-funzjonijiet li qabel kienu assenjati lill-Bord għall-Bennejja skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u li preżentement jinsabu fi jew taħt dan l-Att u sabiex twettaq u tissuċċiedi fil-funzjonijiet l-oħra relatati mal-liċenzjar ta' bennejja kif assenjati lid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi skont il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u li twettaq u tissuċċiedi fl-assi, id-drittijiet, ir-responsabbilitajiet u l-obbligi tal-Bord għall-Bennejja mwaqqaf skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija safejn il-Ministru jista' jippreskrivi permezz ta' regolamenti skont dan l-Att;"; u

Kap. 10.

(ċ) fil-paragrafu (k) tiegħu, il-kliem "fornituri tas-servizz;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fornituri tas-servizz, inkluż dawk li għandhom liċenzja;".

9. L-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "tal-funzjonijiet ta' dan l-Att." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-għanijiet ta' dan l-Att."; u

(b) fis-subartikolu (16) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Il-membri tal-Bord," għandhom jiġu miżjuda l-kliem "il-membri tal-kumitati,".

10. Minnufih wara l-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

"Twaqqif ta' kumitati.

11A. Il-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Bord, jista' jaħtar kumitati sabiex iwettqu jew jassistu lill-Bord fit-twettiq ta' kwalunkwe funzjoni vestita fl-Awtorità. Il-funzjonijiet tal-imsemmija kumitati għandhom jiġu preskritti b'regolamenti magħmula mill-Ministru.".

11. Fis-subartikolu (7) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "li ma tkunx l-Awtorità" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "jew kumitati imwaqqfa skont dan l-Att".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

12. Is-subartikolu (4) tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

13. Minnufih wara s-subartikolu (5) tal-artikolu 18 tal-Att

Emenda tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali.

prinċipali għandu jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Il-Kodiċi jew ir-reviżjoni tiegħu ma għandhomx jidħlu fis-seħħ kemm-il darba abbozz tal-imsemmi Kodiċi jew reviżjoni ma jkunx ġie riferut lill-Kunsill u maħruġ għall-konsultazzjoni pubblika sabiex jippermetti lil kwalunkwe persuna perjodu ta' mhux inqas minn erba' (4) ġimgħat sabiex tagħmel rappreżentazzjonijiet lill-Bord fejn tiddikjara kif fil-fehma tagħha l-Kodiċi propost jew rivedut jista' jittejjeb sabiex jilħaq l-għan aħħari tiegħu:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx japplikaw meta l-Kodiċi jidħol fis-seħħ wara li jkun ġie rivedut wara l-konsultazzjoni pubblika msemmija f'dan is-subartikolu.".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

14. L-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, il-kliem "as the case may be may" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "as the case may be"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) meta Qorti kompetenti ssib li d-detentur ta' liċenzja maħruġa skont dan l-Att, b'nuqqas ta' ħila, ta' ħsieb jew bi traskuraġni f'xogħol ta' bini u kostruzzjoni fdat lilu u li jkun relatat mas-sengħa tiegħu, ikun ikkaġuna xi ħsara lil kwalunkwe persuna jew propjretà.".

Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

15. L-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem "lill-persuni kollha li fil-fehma tiegħu jkollhom" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lil dawk il-persuni kollha li l-Bord iqis li jkollhom"; u

(b) fis-subartikolu (5) tiegħu, il-kliem "u deċiżjoni mogħtija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u deċiżjoni għandha tingħata".

Emenda tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali.

16. L-artikolu 22 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "is-setgħa tiegħu li jidħlu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "is-setgħa li jidħlu"; u

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan

is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Kull ordni verbali maħruġa mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jew minn kwalunkwe persuna jew persuni awtorizzati minnu għandha tkun segwita bil-miktub sa tmiem it-tieni ġurnata ta' xogħol li jmiss b'ordni ta' infurzar maħruġa taħt l-artikoli 23, 24 u 25.".

Emenda tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali.

17. Fis-subartikolu (8) tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "li tikser xi dispożizzjoni ta' dan l-Att" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu".

Sostituzzjoni tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.

18. L-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Reġistri disponibbli għall-pubbliku.

33. (1) Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-ispezzjoni pubblika f'dawk il-ħinijiet raġonevoli li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Awtorità.

(2) Ir-reġistru tad-detenturi ta' liċenzja maħruġa taħt dan l-Att għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Awtorità.".

Emenda tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali.

19. Fl-artikolu 34 tal-Att prinċipali, il-kliem "ordni, ruling jew deċiżjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "deċiżjoni".

Sostituzzjoni tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali.

20. L-artikolu 35 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Kompożizzjoni tat-Tribunal.

35. (1) It-Tribunal għandu jkun kompost minn avukat, perit u inġinier debitament awtorizzati, li lkoll għandu jkollhom minimu ta' ħames (5) snin esperjenza fil-professjoni. L-imsemmi avukat għandu jaġixxi bħala Chairperson u għandu jippresjedi s-seduti tat-Tribunal.

Panels.

(2) Il-Prim Ministru jista' b'ordni jistabbilixxi panels tat-Tribunal, u jista' jindika l-kategoriji ta' każijiet li għandhom jiġu assenjati lil kull panel u jista' b'ordni sussegwenti jbiddel, jirrevoka jew jissostitwixxi dak l-ordni:

B'dan iżda li ebda ħaġa f'dan l-artikolu u ebda tibdil fil-kompożizzjoni tat-Tribunal jew fil-kwalifiki jew esperjenza meħtieġa mill-membri tiegħu li jsir minn żmien għal żmien ma għandu jaffettwa l-validità ta' kull ħaġa magħmula jew li għad tkun trid issir mit-Tribunal kif kompost meta jkun ġie assenjat lilu l-każ jew tal-kontinwazzjoni tal-proċeduri quddiemu fil-kompożizzjoni li biha bdew il-proċeduri.".

Żieda ta' artikolu 36A ġdid fl-Att prinċipali.

21. Minnufih wara l-artikolu 36 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Rikuża jew astensjoni ta' membru tat-Tribunal. Kap. 12.

36A. Membru tat-Tribunal jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni milli jisma' appell għall-istess raġuni kif provdut fl-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u f'kull każ bħal dak, dak il-membru għandu jiġi sostitwit minn persuna oħra maħtura mis-Segretarju għal dak l-iskop minn fost il-membri tal-panel jew panels l-oħra, jew jekk ebda persuna ma tkun tista' tiġi hekk appuntata, minn persuna oħra li jkollha l-kwalifiki xierqa biex toqgħod fuq it-Tribunal, li għandha tiġi maħtura għal dak il-għan mill-President li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru.".

Żieda ta' Taqsima ġdida fl-Att prinċipali.

22. Minnufih wara t-Taqsima VIII tal-Att prinċipali għandha tiġi miżjuda din it-Taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA IX

Kunsill Konsultattiv dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni

Twaqqif tal-Kunsill Konsultattiv dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni.

49. (1) Għandu jiġi mwaqqaf Kunsill li jkun magħruf bħala l-Kunsill Konsultattiv dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni li għandu jkun forum għall-konsultazzjoni u d-djalogu bejn ir-rappreżentanti ta' diversi setturi tal-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni, il-Gvern u l-Awtorità, u sabiex jagħti pariri lill-Ministru u, jew lill-Awtorità, minn żmien għal żmien, dwar kwalunkwe ħaġa li ġejja:

(a) materji relatati mal-industrija tal-bini u tal-kostruzzjoni inġenerali;

(b) monitoraġġ ta' kwalunkwe żvilupp relatat mal-industrija u dwar kwalunkwe tibdil meħtieġ għal-liġijiet u r-regolamenti, politiki, prattiċi u kwalunkwe materja oħra relatata ma' tali żviluppi;

(ċ) politiki relatati mal-iżvilupp sostenibbli fi ħdan l-industrija;

(d) materji relatati mal-kodiċijiet nazzjonali tal-bini u l-kostruzzjoni u regolamenti oħra li jinkludu standards li għandhom jiġu adottati mill-industrija;

(e) il-promozzjoni tal-edukazzjoni u r-riċerka dwar l-industrija;

(f) materji oħra relatati mal-industrija jew ma' kwalunkwe funzjoni tal-Awtorità li dwarhom il-Ministru jew l-Awtorità jistgħu jeħtieġu konsultazzjoni.

(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-implimentazzjoni aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, tali regolamenti jistgħu jinkludu regolamenti li jagħtu dettalji dwar l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-Kunsill, u sabiex jassenjaw funzjonijiet ulterjuri jew kompiti speċifiċi lill-Kunsill b'rabta mal-industrija tal-bini u tal-kostruzzjoni.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 122 tas-16 ta' Mejju, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati